**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Vincent Zammit**
**Rita Zammit**

Kaz Numru: 649/2015

Illum 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Vincent Zammit**, iben Salvu u Virginia neé Cachia, imwieled fis-26 ta' Awwissu 1951 u residenti fil-fond Nice Memory, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 60051(G) u **Rita Zammit**, bint Joseph Spiteri u Amilja neé Muscat, imwielda fl-14 ta' Jannar 1952 u residenti fil-fond Nice Memory, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex u detentrici

tal-karta tal-identita' bin-numru 6852(G), akkuzati talli nhar it-28 ta' Jannar 2015 gewwa dawn il-Gzejjer;

1. talli halfu falz quddiem in-Nutar Dr. Joel Grima LL.D.;

U lil Vincent Zammit wahdu;

2. talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell u Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 109 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni *(a fol. 106 et seq.)* u da parte ta' Dr. Joseph Grech ghad-difiza *(a fol. 107 et seq.)*.

**<u>Xhieda</u>**

F'dan il-process xehdu tnax (12)–il xhud:

L-Ispettur Frank Anthony Tabone *(a fol. 11 et seq.)*, in-Nutar Dr. Joel Grima *(a fol. 49 et seq.)*, Charles Camilleri *(a fol. 51 et seq.)*, Osterius Aquilina *(a fol. 59 et seq.)*, PL Anthony Theuma *(a fol. 66 et seq.)*, Alison Portelli *(a fol. 71 et seq.)*, Stephen Mifsud *(a fol. 76 et seq.)*, l-imputat Vincent Zammit *(a fol. 82 et seq.)*, l-imputata Rita Zammit *(a fol. 93 et seq.)*, Frencu Rapa *(a fol. 99 et seq.)*, Kevin Buttigieg *(a fol. 101 et seq.) u* Ibrahim El Dighbi *(a fol. 103 et seq.)*.

**<u>Il-fatti specie tal-kaz</u>**

Nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tal-elfejn u hmistax (2015) il-pulizija rceviet kwerela fejn Steve Mifsud ta' 254, Triq Wardija, Qala, Ghawdex permezz tal-avukat tieghu talab li ssir investigazzjoni fil-konfront tal-imputati Vincent Zammit u Rita Zammit.

F'din il-kwerela kien qed jigi allegat illi Vincent Zammit kif ukoll Rita Zammit hadu gurament falz quddiem in-nutar meta għamlu affidavit u dan l-affidavit ġie inserit ġo file tal-*Lands* bin-numru H/4495/1997 dwar art li tinsab fi Triq is-Salib ġewwa l-Qala.

Il-pulizija gabru kopja tal-affidavits kif ukoll tad-dokumenti li gew mghotija mill-imputati Vincent Zammit u Rita Zammit. L-affidavit datat tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar elfejn u ħmistax (2015) li kien sar quddiem in-Nutar Dottor Joel Grima fejn ma' dan l-affidavit kien hemm ukoll ritratt ta' għalqa li kienet qed tidher maħduma kif ukoll ta' pjanta *site plan* immarkata bħala dokument "A".

F'dan l-affidavit l-imputati konjugi Zammit ikkonfermaw bil-ġurament quddiem l-istess nutar illi huma kienu qed jaħdmu din l-għalqa magħrufa bħala, f'Ta' Ġebel Wieqaf fi Triq is-Salib, il-Qala għal dawn l-aħħar hmistax-il (15) sena. Stephen Mifsud sostna anke permezz tar-ritratti illi l-għalqa inkwistjoni ma kinitx qed tinhadem.

L-imputat Vincent Zammit qal lill-pulizija illi l-għalqa dik kien qed jaħdimha. X'ħin ġie konfrontat bir-ritratti li kien għadda lil tal-Lands hu kien qal illi hu kien ġie konfrontat ukoll jekk dawk ir-ritratti humiex tal-għalqa indikata fis-*site plan* li hemm mal-affidavit hu kien stqarr li dik hija għalqa oħra li tinsab ftit metri 'l bogħod mill-għalqa inkwistjoni. Hu kien qal però illi meta għamel l-affidavit hu kellu impressjoni li hu kien qed jirreferi għal dawk iż-żewġ biċċiet raba', mhux għall-biċċa raba' li hemm indikat fis-*site*

*plan* biss u jekk hemm żball kien ħadu n-nutar waqt li kien sar l-affidavit.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 108(1) tal-Kap 9 jghid testwalment "*Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta'dan is-sub artiklu, jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi illi jaghti gurament jehel ...*". L-artikoli ta' qabel jirreferu ghal spergur f'kawzi kriminali, spergur f'kawzi kriminali ohra, spergur f'kawzi civili u spergur minn perit jew interpretu. Ghalhekk dan l-artikolu 108 jeskludi dawn is-sitwazzjonijiet u b'mod generiku jirreferi biss "*f'kull kaz iehor ...*". Din tfisser kwalunkwe cirkostanza ohra fejn persuna tiehu gurament ghal xi raguni jew ohra, basta dan il-gurament jittiehed quddiem Imhallef jew Magistrat jew "*quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi illi jaghti gurament*." Ma hemmx dubju illi nutar pubbliku Malti huwa ufficcjal illi ghandu s-setgha illi jaghti gurament u l-imputati volontarjament marru ghandu u uzaw is-servizzi tieghu biex hadu dak l-affidavit. Il-kwistjoni jekk l-affidavit kienx ordnat minn xi Qorti jew wahda mill-qrati ta' Malta taghmel differenza ghall-fini tal-piena peress illi l-artikolu 108(1)(a) jippreskrivi certa piena fil-kaz illi l-affidavit ikun hekk ordnat u s-sub artikolu (b) jippreskrivi piena ohra jekk il-gurament ma jkunx hekk mehtieg jew ordnat. Ghalhekk dan il-kaz jaqa' nettament taht dan is-sub artikolu (b).

Il-ligi taghna ma taghtix tifsira jew ahjar definizzjoni ezatta ta' x'jikkostitwixxi gurament falz. Pero' biex jissusisti r-reat ta' spergur, iridu jezistu jew ahjar jikkonkorru flimkien erba' elementi u cioe':-

*xhieda moghtija f'kull kaz iehor u cioe' mhux kawza civili:*

*moghtija taht gurament moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti:*

*illi tali xhieda hija falza f'materja partikolari u li taffettwa d-decizjoni tal-gudikant: u*

*il-volunta' konxja tal-falsita' f' tali xhieda.*

Il-Kodici taghna ma janalizzax l-element tal-falsita' pero' jekk naraw il-ligi Taljana fuq dan il-punt insibu li **Antolisei** a fol. 845 tal-ktieb tieghu ***Manuela di Diritto Penale (pt. 11 speciale)*** jghid:

> "*Commetta questo delitto (i. e. falsa testimonianza) colui che deponendo come testimone inanzi all'autorita giudiziaria, afferma il falso o nega il vero ovvero tace, in tutto o in parte, cioe che sa intorna ai fatti sui quali e interrogato.*"

Ghalhekk jiehu gurament falz kull min jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita'.

Huwa importanti pero' li dan isir <u>b'mod voluntarju</u> u <u>bil-konsapevolezza kollha</u>. Jigifieri li huwa importanti li jigi ppruvat apparti l-falsita' attwali, u possibilita' ta' hsara lill-Amministrazzjoni

tal-Gustizzja, irid jigi ppruvat *il-mens rea* li l-persuna qed tghid il-falz.

Dwar dan l-element u cioe' li l-falsita' tad-dikjarazzjoni trid tkun voluntarja u moghtija b'xjenza, il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu jghid:

> *"With regards to the element 'willfully made' which constitutes the intentional element of the crime, it is necessary that the person making the statement, should have the full consciousness of preventing the truth. If on account of ignorance, forgetfulness or other cause exclusive of malice, a statement has been made, which is objectively false, no criminal responsibility under this section is incurred."*

Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali l-Qorti hija sodisfatta illi l-imputati kienu jafu sew x'kienu qeghdin jaghmlu – marru ghand in-nutar b'mod volontarju u bil-konsapevolazza kollha ta' dak illi kienu qeghdin jaghmlu affidavit fejn iddikjaraw illi l-ghalqa kienet tinhadem.

L-imputat Vincent Zammit *(a fol. 82 et seq.),* l-imputata Rita Zammit *(a fol. 93 et seq.),* Frencu Rapa *(a fol. 99 et seq.),* Kevin Buttigieg *(a fol. 101 et seq.)* u Ibrahim El Dighbi *(a fol. 103 et seq.)* kollha kkonfermaw li l-ghalqa inkwistjoni kienet minn zmien ghal zmien tinhadem.

Din il-Qorti ghalhekk issib illi l-elementi kollha tar-reat kif provdut fl-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali ma jissussistux f'dan il-kaz.

**DECIDE:**

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 108(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputati Vincent Zammit u Rita Zammit hatja tal-akkuza migjuba kontrihom u ghalhekk tilliberahom minnha.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**